# KWADRU ARTISTIKU TA' SANTA MARGERITA

minn Mario Fenech



Fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina nsibu kwadru sabiħ ta' Santa Margerita V.M. minn Antijokja tal-Pisidja. Dan huwa xogħol fuq it-tila tal-artist Malti Francesco Vincenzo Zahra li għex bejn is-sena 1710 u s-sena 1773.

Il-qies tal-kwadru huwa ta' 160 ċentimetru b'115 il-ċentimetru u d-data fuqu hija tas-sena 1767; dan ifisser li l-kwadru għandu 242 sena.

Dan il-kwadru qabel ma sab il-post tiegħu f'dan il-Mużew tal-Katidral kien jinsab fuq l-artal tal-kappella ċkejkna fl-inħawi ta' Għajn Riħana. Jidher li din kellha l-importanza tagħha għaliex skont id-data li hemm fuq dan il-kwadru, l-artist dak iż-żmien kien fl-aqwa żmien tal-karriera artistika tiegħu.

Il-figura tal-qaddisa f'dan ix-xogħol hija mberrħa sew fuq l-ispazju tat-tila.

Hawnhekk naraw lill-qaddisa għarkupptejha qiegħda tħares 'il fuq b'ħarsa ta' grazzja u qdusija lejn is-sema. Idejha ix-xellugija 'l fuq fil-waqt li f'idejha l-oħra qiegħda żżomm ġilju abjad simbolu tas-safa tagħha u s-salib. Aħna nafu kemm is-sinjal tas-salib huwa mportanti fil-pitturi u l-istatwi ta' Santa Margerita.

Ir-rebħa tagħha fuq id-dnub hija rappreżentata fil-forma tad-dragun li qiegħed fil-parti t'isfel tal-kwadru taħt saqajha x-xellugija u li minn fommu ħiereġ qisu nar dejjem biex ibeżża' l-qaddisa. Hekk naqraw fil-fatt fil-martirju tal-qaddisa. Id-dragun mostru li jbeżża' qiegħed fiż-żewġ naħiet tal-kwadru.



Il-kuluri li l-artist għamel użu minnhom għall-ilbies tal-qaddisa huma l-isfar ċar għal-libsa sħiħa u l-kulur ikħal għall-mant imtajjar minn fuq l-ispalla l-leminijja għal wara darha. Ma qadd il-qaddisa hemm imbgħad il-ħżiem kważi kważi jagħti fl-aħdar.

Fil-parti ta' fuq lejn in-naħa tax-xellug l-artist pinġa anġlu qiegħed iżomm f'idejh l-palma simbolu tal-martirju, u kuruna, simbolu tal-glorja tas-sema li qiegħda tistenna din il-martri.

Mal-kolonna li hemm mal-ġenb l-ieħor, wieħed jara d-data ta' dan ix-xogħol li kif għedna hija s-sena 1767.

Dan il-kwadru huwa meqjus bħala wieħed ta' valur fil-karriera ta' dan l-artist Malti, fil-fatt meta ġiet mtellgħa esibizzjoni bil-kwadri ta' Żarha fl-istess Mużew tal-Katidral, dan il-kwadru ta' Santa Margerita V.M. kien wieħed minn dawk li ġew esibiti.